

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12673/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0267 (NLE)**

**PROBA 32
AGRI 410
WTO 73
DEVGEN 143
FORETS 68**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 470 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 470 final.

Mehmuż: COM(2025) 470 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025
COM(2025) 470 final

2025/0267 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar
il-Kafe**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè.

Il-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè (ICA jew “il-Ftehim”) għandu l-għan li jsaħħaħ is-settur dinji tal-kafè u jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tiegħu fuq livell ekonomiku, soċjali u ambjentali.

L-Unjoni Ewropea hija parti mill-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè tal-2007¹ u Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè.

Fis-27 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè, skont l-Artikolu 48(3) tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè tal-2007, approva l-estensjoni tal-ICA 2007 sal-1 ta' Frar 2028 u ddikjara wkoll li l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ hekk malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ proviżorju jew definittiv tiegħu, u b'hekk jintemm il-perjodu tal-estensjoni tal-ICA 2007². Il-Kummissjoni ġiet awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1638³ biex tivvota favur l-estensjonijiet tal-ICA għal perjodi li ma jaqbwux total ta' 8 snin lil hinn mid-data tal-iskadenza oriġinali tal-ICA jew sad-dħul fis-seħħ proviżorju jew definittiv ta' ftehim ġdid, skont liema jiġi l-ewwel.

Rieżami parzjali biex jiġi riformat l-ICA 2007 kien meħtieġ u kien ċar li huwa fl-interess tal-Unjoni li tkompli tallinjah mal-prattiki li l-Unjoni tippromwovi f'bordijiet internazzjonali oħra tal-komoditajiet, u li jitqiesu l-iżviluppi fis-suq globali tal-kafè mill-2007. Il-Ftehim il-ġdid tal-2022 jaġġorna l-bilanċ tas-sistemi tal-votazzjoni u tal-kontribuzzjonijiet u jindirizza l-integrazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-ICO. Il-Ftehim il-ġdid iqis l-objettivi tas-simplifikazzjoni u tar-razzjonalizzazzjoni filwaqt li jżomm in-natura intergovernattiva tal-ICO. Fil-133 sessjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè adotta t-test tal-Ftehim il-ġdid tal-2022 li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007.

Il-Kummissjoni nnegożjat l-emendi li wasslu għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè l-ġdid f'isem l-Unjoni⁴.

Fid-dawl tad-diskussjonijiet u l-kontenut tal-istrument il-ġdid, il-Kummissjoni, wara li diġà ppreżentat il-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè lill-Kunsill għall-iffirmar⁵, tqis li l-Ftehim għandu jiġi konkluż u l-istrument tal-konklużjoni għandu jiġi ddepożitat, skont l-Artikolu 44(3) tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè, għand il-Kwartieri Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè f'Londra, magħżula bħala id-Depożitarju mir-Risoluzzjoni 477 tal-Kunsill Internazzjonali dwar il-Kafè tad-9 ta' Ġunju 2022.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Il-Ftehim ġie nnegożjat f'konformità mad-direttivi komprensivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill fit-28 ta' April 2021 dwar ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-

¹ 2008/579/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tas-16 ta' Ġunju 2008, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007 ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12.

² <https://ico.org/documents/cy2024-25/icc-res-486e-resolution-extension-ica-2007.pdf>.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1638 tal-5 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè ĠU L 371, 6.11.2020, p. 1.

⁴ COM(2021) 374 final u CM 4170/21.

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè.

Il-Ftehim emendat huwa wkoll kompletament konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁶.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim huwa konformi bis-sħiħ mal-Istrateġija tal-Global Gateway⁷. Tabilħaqq il-Global Gateway tirrappreżenta konnessjonijiet sostenibbli u fdati li jaħdmu għan-nies u għall-pjaneta. Hija tgħin biex tindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, mill-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għat-tiġib tas-sistemi tas-saħħa, u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista globali.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali proposta hija l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet marbuta mal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

⁶ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.

⁷ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/stronger-europe-world/global-gateway_mt.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè għal kull sena finanzjarja se titħallas mill-istrument NDICI-Ewropa Globali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux Applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) xxxx/x², il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea³.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, XXXXX.